**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Marzu, 2017**

**Talba numru: 50/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 19**

**Emanuel Galea (K.I 298044M)**

**17, Qalb ta' Marija,**

**Triq il-Pensjeri,**

**Santa Lucija**

**Vs**

**Jesmond Abdilla u Dr Sandra Baldacchino**

**37, Triq il-Karmnu, Sqaq Nru. 4**

**Luqa**

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-attur li permezz taghha l-attur talab li l-konvenuti jigi kkundanna ihallsu s-somma ta' elfejn u hamsa u ghoxrin ewro (€2,025) bilanc ta' somma akbar dovuta kwantu ghal xogholijiet u konsenja ta' ghamara u aperturi li saru mill-attur lil konvenut.

Din hija decizjoni dwar jekk il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenuti.

Ra r-rikors tal-konvenuti li permezz tieghu jammettu li huma kontumaci izda jikkontendu li dan gara minhabba mard ta' binthom u ghalhekk ma kellhomx mohh dawn il-proceduri.

Ra r-risposta tal-attur li fiha qed joggezzjoni ghat-talba tal-konvenuti u jikkontendi li l-konvenuti l-ebda certifikat mediku ma producew li jissustanzja l-allegazzjoni taghhom.

Ra d-decizjoni ta' dan it-Tribunal tat-13 ta' Gunju, 2016 li permezz taghha ddikjara li l-konvenuti huma kontumacja.

Ra l-affidavit tal-attur li permezz tieghu spjega li xogholu huwa ta' mastrudaxxa u ghandu hanut bl-isem Galea Furniture gewwa l-Marsa. Jaf il-konvenut peress li jiffrekwenta l-hanut tieghu u anke hadem xi xoghol lil ommu. F'nofs is-sena elfejn u erbatax (2014) wara li lesta bank tal-kcina lil ommu, l-konvenut ghamillu ordni ta' karma tas-sodda tat-tfal u tlett bibien interni. Dawn kellhom ikunu tal-pine u l-kamra tas-sodda kellha tinkludi tliet gwardarobbi b'erba bibien il wahda, apparti ghamara ohra tas-soltu ta' kamra tas-sodda. Dan ix-xoghol kellu jsir fil-post fejn joqghodu f'Hal Luqa. Mar jiehu l-qisien u tahom stima ta' hamest elef u erbghin ewro (€5,040) ghal kollox u qablu fuq hamest elef ewro (€5,000) ghad-dritt u l-konvenut ta elfejn ewro (€2,000) depozitu. Beda x-xoghol u l-konvenut kien imur il-workshop/hanut tal-attur jara x-xoghol isir izda meta kien wasal f'nofs ix-xoghol il-konvenut gab lil siehbu biex jahdimlu u qallu biex jaqdi lil siehbu u jwarrab l-ordni tieghu. Lesta l-ordni li ghamel siehbu u wara kompli bl-ordni tal-konvenut. F'Awwissu l-konvenuta taghtu depozitu ta' elf ewro (€1,000) ohra u l-bilanc li baqa' kien ta' elfejn ewro (€2,000).

Fl-14 ta' Dicembru, 2014 l-attur lesta x-xoghol tal-ghamara ghajr il-bibien interni u anke qieghed ix-xoghol f'postu. Il-konvenut ghenu billi ha l-ghamara mill-van u anke garrha ghal gol-post tieghu u dan peress li x-xoghol kien sar bil-bicciet li jinghaqdu ma' xulxin bhax-xoghol li qed jigi minn barra hekk kif rieduh l-konvenuti. Il-konvenut anke ghenu biex jghaqqad din l-ghamara fuq il-post. Kien jonqosha tlett pumi u ta l-flus lil konvenut biex jixtrihom u wahhalhom il-konvenut stess.

Fis-07 ta' Jannar, 2015 dakinhar li t-tfal kienu dahlu lura l-iskola mill-vaganzi marru jixtru l-pumi u l-firrolli tal-bibien interni li kienu lesti u l-ghada mar fuq il-post tal-konvenuti u wahlilhom zewg (2) bibien minn tlieta (3). Fid-09 ta' Jannar il-konvenut kien xoghol bil-gurnata u ma setghux ikomplu jwahhlu t-tielet u l-ahhar bieb. Fl-10 ta' Jannar, 2015 mar ghandu l-konvenut biex jigbor il-hgieg li kellu jigi ma' dan il-bieb li kien diga ghandu.

Izda ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar il-konvenut rega mar il-hanut u b'herra kbira qallu "Aghmel li trid izda lejn il-post tersaqlix aktar". Huwa baqa' sorpriz u meta staqsieh x'gara qallu li ghax kien hadem lil mara li kien ghadu kemm issepara minn maghha. Il-konvenut anke gablu l-ghodda li kien baqa' ghandu d-dar lura ghalkemm sab li kellu formatur, spanner u serrieq li jissejjah 'tad-dahar' neqsin li jiswew hamsa u ghoxrin ewro (€25).

A fol 32 il-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016 il-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u xtaqu jaghmlu noti.

Ra n-noti tal-partijiet;

Ikkunsidra

Li l-attur bhala prova ressaq l-affidavit tieghu.

Li l-konvenuti huma kontumaci u fin-nota taghhom jikkontendu li ghalkemm huma kontumaci l-attur xorta wahda huwa obbligat fil-ligi li jgib l-ahjar prova u li ma ppruvax il-kaz tieghu stante li x-xhieda tieghu ma giet korroborata minn hadd.

Dwar l-istitut tal-kontumacja, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras tal-31 ta' Jannar, 2003 Cit Numru 1627/1996/1 fl-ismijiet**: **Il-Kummissarju tal-Artijiet vs John Curmi** fejn il-Qorti rriteniet li huwa minnu li l-konvenut li jibqa' kontumaci ma

jfissirx li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil- kawza jew li ammetta d-domanda. (**Vol. XXIX P III p 35**);

Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza recensjuri, l-istitut tal-kontumacja hu intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min gie citat biex jersaq quddiem il-Qorti ("**Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**", **Appell, 13 ta' Lulju 2001**); Ghalhekk sta ghall-Gudikant biex jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.

Fil-kaz *de quo* fl-affidavit tieghu l-attur spjega s-sekwenza tal-fatti u spjega kif l-ordni saret mill-konvenuti, li hallsu akkont u li l-bilanc dovut baqa' ma thallasx; liema fatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti ma cahdu u lanqas kkonfermaw.

Inoltre dwar l-istima ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) valur tal-ghodda li l-konvenut baqa' ma rritornax lill-attur dan it-Tribunal isib li l-attur ma gabx l-ahjar prova u ghalhekk tali talba qed tigi michuda.

Dwar it-talba ghal-hlas tal-bilanc ta' elfejn ewro (€2,000) dovuta kwantu ghall-ordni tal-ghamara u bibien maghmula mill-konvenuti, dan it-Tribunal ma ghandux jiddubita minn din ix-xhieda u jidher li l-attur ma kellu ebda dokumenti x'jipproduci tenut kont li huwa kien jafda lil konvenut stante li kien hemm relazzjoni tajba hafna bejniethom tant li anke hadlu n-nies jaghmlu l-ordni ghandu u ghalhekk fic-cirkostanzi ser jghaddi biex jakkolji t-talba ghal hlas tas-somma mitluba limitatament ghas-somma ta' elfejn ewro (€2,000).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta' u jilqa t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elfejn ewro (€2,000) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**